MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1188/2004

**Edward Attard**

**vs**

**Ganni Sciberras**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450.00) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta’ April 2004, gewwa l-Blata l-Bajda bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBE 595 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCC 847 misjuqa minn u propjeta’ tal-attur, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta; Mejju 2004, dawk tal-parir (Lm15.00), dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-attur stess li b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ikkawza l-incident in kwistjoni.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-attur in kwantu jirrigwarda l-ammont pretiz huma eccessivi u ghaldaqstant huma kontestati.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Mark Aquilina, tal-attur, ta' Antonia Attard, ta' Joanne Attard u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-parrtijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' April 2004, f'National Road, Pieta', precizament quddiem is-*showroom* ta Industrial Motors, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCC 847 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBE 595 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni LCC 847, hareg minn ma genb is-*showroom* tal-ITC ghal fuq National Road u mar fid-direzzjoni tal-Belt. Malli wasal quddiem is-*showroom* tal-Industrial Motors harget il-vettura misjuqa mill-konvenut mill-*parking* man-naha tax-xellug tieghu u laqtitu mal-genb tax-xellug tal-vettura tieghu. L-attur spjega li huwa ma kellux hsara fil-faccata tal-vettura tieghu. Il-verzjoni tal-attur giet korroborata miz-zewg passiggiera li kellu fil-vettura tieghu, u cioe' Antonia Attard u Joanna Attard. Joanna Attard qalet ukoll li l-

konvenut kien qalilhom li huwa haareg il-barra sabiex icedi lill-vettura ohra li kienet quddiemu. Din ix-xhud spjegat li l-hsara fil-vettura li kienet passiggiera fiha kellha hsara fiz-zewg bibien tan-naha tax-xellug.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazjoni DBE 595 f'National Road, Blata l-Bajda gej mid-direzzjoni tal-Hamrun. Huwa jghid li malli wasal quddiem is-*showroom* ta' Mizzi kien hemm vettura parkeggjata man-naha tax-xelug tieghu li kienet ser taqla' mill-*parking*, huwa ghalhekk gibed lejn il-lemin u f'dak il-mument giet il-vettura tal-attur minn warajh u laqtitu fuq il-*mudguard* ta' quddiem tan-naha tal-lemin. In kontro-ezami il-konvenut ammetta li qabel ma qala' l-barra lejn il-lemin huwa ma harisx biex jara kienux gejjin vetturi minn warajh u spjega li m'ghamilx dan ghaliex deherlu li ma kienx qabez il-linja ta' bejn il-karreggjati. Huwa qabel ukoll li l-attur ma kelux hsara fil-faccata ta' quddiem tal-vettura tieghu izda kellu hsara biss fiz-zewg bibien tan-naha tax-xellug, u cioe' fil-genb lejn in-nofs.

Irid jinghad mill-ewwel li l-verzjoni moghtija mill-konvenut *a tempo vergine* m'hijiex l-istess bhal dik moghtija quddiem dan it-Tribunal fejn huwa sostna li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu f'National Road meta hargitlu vettura minn *parking* man-naha tax-xellug tieghu u ghalhekk huwa kellu jigbed lejn il-lemin u giet il-vettura tal-attur minn warajh u laqtitlu fil-*mudguard* ta' quddiem man-naha tal-lemin. Mix-xhieda tal-*warden* li nvestiga l-incident, Mark Aquilina, jirrizulta fil-fatt li l-konvenut immedjatament wara l-incident kien qallu *"li kien double parked, indikali li kien hemm vettura parkeggjata quddiemu izda sakemm wasalt jien fuq il-post din il-vettura lahqet telqet u ghalhekk jiena pingejtha fuq l-isketch bhala imaginary vehicle. Dan is-sewwieq, u ciioe' l-konvenut, qalli li hu u hiereg mill-parking ghaddiet vettura li laqtitu"*. Din il-verzjoni moghtija mill-konvenut *a tempo vergine* tikkombacja mal-verzjoni moghtija mill-attur.

It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut immedjatament wara l-incident

ghaliex generalment din il-verzjoni tkun tirrifletti l-verita peress li tkun inghatat qabel ma s-sewwieq ikollu cans jitkellem ma terzi dwar il-kwistjoni tar-responsabilita’ u jbiddel il-verzjoni tieghu bl-aktar moghod vantaggjuz ghalih. Inoltre l-verzjoni tal-attur u l-verzjoni tal-konvenut moghtija *a tempo vergine* huma perfettament kompatibbli mal-hsarat fiz-zewg vetturi. Il-hsara fil-vettura tal-attur fil-fatt kienet mal-genb tax-xellug fiz-zewg bibien, huwa ma kellu ebda hsara fil-faccata ta’ quddiem tal-vettura tieghu. Dan jindika li huwa ma setghax baqa’ diehel fil-vettura tal-konvenut kif isostni dan tal-ahhar. Il-hsara riportata fil-vettura tal-attur tindika kjarament li l-konvenut qabad u hareg il-barra mill-*parking* minghajr ma zamm a *proper lookout* ghal traffiku li seta’ kien gej minn warajh biex b’hekk invada l-karreggjata libera tal-attur li kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal mill-provi rrizulta ampjament li l-konvenut kien unilament responsabbli ghall-incident li sehh fis-26 ta April 2004, f’National Road, il-Blata l-Bajda.

Fir-Risposta tieghu il-konvenut eccepixxa wkoll li d-danni reklamati mill-attur huma eccessivi izda anki din l-eccezzjoni ser tigi michuda stante li l-ammont reklamat mill-attur bhala danni huwa dak indikat fis-*survey report* imhejji mis-*surveyor* imqabbad mill-assikurazzjoni tal-istess konvenut (*survey* esebit a fol. 27 tal-process) u inoltre l-hsarat huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident *de quo*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta Mejju 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------